

Brussell, 5 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16065/25

JAI 1806
FREMP 366

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa
Martine DEPREZ, Direttur

Nru dok. Cion: COM(2025) 751 final

Suġġett: KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT
EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI
EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI
Rapport annwali tal-2025 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet
Fundamentali tal-UE
Rendikont tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija biex tissaħħaħ l-
applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 751 final.

Mehmuż: COM(2025) 751 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.12.2025
COM(2025) 751 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport annwali tal-2025 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali
tal-UE**

**Rendikont tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta
tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE**

Rapport annwali tal-2025 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE

Rendikont tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE

Werrej

1. Introduzzjoni.....	2
2. L-iżgurar tal-applikazzjoni effettiva tal-Karta mill-Istati Membri	4
3. Għoti tas-setgħa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet u lill- professjonisti tal-ġustizzja.....	11
4. Trawwim tal-użu tal-Karta bħala boxxla għall-istituzzjonijiet tal-UE	17
5. Tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni tan-nies dwar id-drittijiet tagħhom skont il-Karta	20
6. Konklużjoni.....	22

1. Introduzzjoni

Is-sena 2025 timmarka l-25 anniversarju tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta)¹. Fil-Karta, li ġiet ipproklamata f'Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000, insibu minqux d-drittijiet fundamentali ta' kulħadd fl-Unjoni Ewropea. Tafferma mill-ġdid u tlaqqa' flimkien id-drittijiet ċivili u politiċi, u d-drittijiet ekonomiċi u soċjali, u ssarafhom fil-kuntest tal-UE. Il-Karta tenfasizza r-rwol tad-drittijiet fundamentali bħala l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li kemm l-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll l-Istati Membri tal-UE huma meħtieġa jirrispettaw meta japplikaw id-dritt tal-UE.

Fl-2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat **l-Istrateġija** tagħha **biex issaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE (l-istrateġija tal-Karta)**², filwaqt li rrikonoxxiet il-ħtieġa li d-drittijiet u l-prinċipji tal-Karta jsiru realtà għal kulħadd. B'applikazzjoni mill-2020 sal-2030, l-istrateġija tal-Karta tiddependi fuq **kooperazzjoni effettiva** bejn il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati li huma ċentrali għat-tisħiħ tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali, jiġifieri l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, is-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-professjonisti tal-ġustizzja u l-istituzzjonijiet tal-UE. L-istrateġija tal-Karta tindirizza wkoll il-ħtieġa li l-pubbliku jiġi informat dwar id-drittijiet fundamentali u r-rimedji disponibbli jf'każ ta' ksur tad-drittijiet fundamentali.

Dawn l-aħħar snin raw enfasi aktar qawwija fuq l-avvanz u s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali madwar l-UE. Id-drittijiet fundamentali tal-Karta — bil-komponenti tagħha tad-dinjità tal-bniedem, il-libertajiet, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, id-drittijiet taċ-ċittadini u l-ġustizzja — jinsabu fil-qalba tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE, u jirriflettu l-impenn komuni tagħna għal soċjetà demokratika u ġusta. Matul l-ewwel ħames snin tal-implimentazzjoni tal-istrateġija, ġiet adottata leġiżlazzjoni ġdida tal-UE li tipproteġi u tippromwovi drittijiet fundamentali speċifiċi³. Din il-leġiżlazzjoni spjegat fid-dettall xi wħud mill-obbligi tad-drittijiet fundamentali tal-Istati Membri u tat il-kompitu lill-gruppi tal-partijiet ikkonċernati, bħall-korpi indipendenti tad-drittijiet fundamentali u s-soċjetà ċivili, li jappoġġaw l-applikazzjoni tal-Karta tul ir-rwol tagħhom f'li japplikaw id-dritt rilevanti tal-UE.

Madankollu, il-progress dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ma jistax jitqies bħala fatt⁴. Il-mekkaniżmi għall-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet iridu jibqgħu funzjonali f'kull ħin, u huma meħtieġa sforzi sostnuti fil-livelli kollha biex tiġi żgurata u msaħħa l-protezzjoni tad-drittijiet tal-Karta.

¹ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391-407).

² [COM\(2020\) 711 final](#).

³ Inkluż [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali](#); [l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media](#); [id-Direttivi dwar il-Korpi tal-Ugwaljanza](#); [id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika](#); [id-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi](#); [il-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi](#); u [l-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Materjali ta' Abbuż Sesswali tat-Tfal](#).

⁴ Ara r-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, [COM\(2025\) 900 final](#), p. 1; FRA, u [Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2025](#), p. 21.

Meta tapplika l-Karta?

Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-2009, il-Karta kisbet l-istess valur legali bħat-Trattati⁵, jiġifieri d-dritt tal-UE li fuqu huma bbażati l-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE. L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE jeħtiġilhom jikkonformaw mal-Karta fl-attivitajiet kollha tagħhom, kif jeħtiġilhom jagħmlu wkoll l-Istati Membri meta jimplementaw id-dritt tal-UE⁶.

L-Istati Membri jimplementaw id-dritt tal-UE meta:

- jagħtu effett lil-leġiżlazzjoni tal-UE billi jadottaw miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali;
- jadottaw leġiżlazzjoni fejn id-dritt tal-UE jimponi obbligi speċifiċi jew jippermetti deroga⁷;
- jadottaw miżuri speċifiċi maħsuba biex jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-oġettiv ta' att tal-UE, meta jkunu awtorizzati jagħmlu dan mill-att inkwistjoni;
- jimplementaw programmi ta' finanzjament tal-UE f'konformità mar-regoli ta' finanzjament tal-UE.

Ir-rapport tal-Karta ta' din is-sena jipprovdni opportunità importanti biex jitqies il-progress fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Karta. Ir-rapport jippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-miżuri li ttieħdu bejn l-2020 u l-2025 biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri. Jenfasizza wkoll l-isfidi li fadal f'dan ir-rigward, u jidentifika fejn ikunu meħtieġa aktar sforzi, filwaqt li jipproponi oqsma għal titjib, u jappoġġa kooperazzjoni aktar profonda fost l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, u partijiet ikkonċernati oħra għat-tieni nofs tal-implimentazzjoni tal-istrateġija.

Il-Kummissjoni gābret data għal dan ir-rapport permezz ta' **diversi konsultazzjonijiet immirati** u sejħa għall-evidenza⁸. Dan ir-rapport jibbaża fuq valutazzjoni kwalitattiva tal-feedback għall-konsultazzjoni, inklużi konsultazzjonijiet online mmirati ma': (i) Stati Membri⁹; (ii) punti fokali tal-Karta¹⁰; (iii) awtoritajiet lokali u reġjonali¹¹; (iv) in-Network Ewropew tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (ENNHRI), in-Network Ewropew għall-Korpi Nazzjonali tal-Ugwaljanza (Equinet), in-Network Ewropew tal-Ombudsmen u l-membri tagħhom¹²; (v) imħallfin u professjonisti oħra tal-ġustizzja, fornituri ta' taħriġ ġudizzjarju u n-networks tagħhom¹³; (vi) servizzi tal-Kummissjoni u (vii) l-Aġenzija

⁵ L-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

⁶ L-Artikolu 51(1) tal-Karta.

⁷ Meta l-Istati Membri jadottaw liġijiet f'qasam li fih l-UE ma jkollha l-ebda kompetenza u meta ma jeżisti l-ebda dritt tal-UE, ma jkunux qegħdin jimplementaw id-dritt tal-UE u l-Karta ma tkunx applikabbli. Madankollu, ħafna drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta huma stabbiliti wkoll fil-kostituzzjonijiet u fil-ġurisprudenza nazzjonali, kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li għaliha l-Istati Membri kollha huma firmatarji.

⁸ [Semma' Leħnek - Rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrateġija tal-Karta.](#)

⁹ Waslu tweġibiet minn 20 Stat Membru parteċipanti: AT, BE, BG, CY, DK, FI, FR, DE, HU, IE, IT, LU, NL, PL, PT, RO, SK, SI, ES u SE.

¹⁰ Waslu tweġibiet minn 12-il punt fokali tal-Karta parteċipanti: AT, BE, HR, CY, FI, LV, LT, MT, NL, RO, ES u SE.

¹¹ 51 parteċipant.

¹² 23 parteċipant.

¹³ 112-il parteċipant.

tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA). Saret konsultazzjoni online mas-soċjetà ċivili permezz tal-Pjattaforma tad-Drittijiet Fundamentali tal-FRA¹⁴; kif ukoll serje ta' laqgħat ta' konsultazzjoni¹⁵.

2. L-iżgurar tal-applikazzjoni effettiva tal-Karta mill-Istati Membri

L-Istati Membri għandhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Karta, fejn l-awtoritajiet nazzjonali jagħtu effett sħiħ lid-drittijiet fundamentali kull meta jimplementaw id-dritt tal-UE. Fl-istrateġija tal-Karta, il-Kummissjoni għalhekk impenjat ruħha li **ssaħħaħ is-sħubija tagħha mal-Istati Membri biex tiżgura l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni effettivi tal-Karta** billi tipprevjeni l-ksur tad-drittijiet fundamentali, tippromwovi s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali, iżżid il-koordinazzjoni u tiżgura l-infurzar.

2.1. Punti fokali tal-Karta

Biex jiġu żgurati koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi fl-applikazzjoni tal-Karta, il-maġġoranza sħiħa tal-Istati Membri **ħatret punt fokali nazzjonali tal-Karta**¹⁶. Il-Kummissjoni appoġġat il-ħidma tagħhom billi organizzat laqgħat ta' informazzjoni u skambji tal-aħjar prattika kemm online kif ukoll fiżiċi, u billi tat aġġornamenti dwar il-Karta. Biex tkompli ssaħħaħ dawn l-isforzi, il-Kummissjoni se torganizza l-ħidma tal-punti fokali tal-Karta bħala **network tal-Kummissjoni** biex tiskambja regolarment dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Karta.

L-amministrazzjonijiet nazzjonali huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiddeterminaw kif il-kompiti tal-punti fokali tal-Karta għandhom jiġu organizzati biex itejbu b'mod effettiv il-koordinazzjoni tad-drittijiet fundamentali f'kull kuntest nazzjonali¹⁷. Il-konsultazzjonijiet jindikaw ukoll potenzjal għall-punti fokali biex ikomplu jinvolvu ruħhom ma' korpi indipendenti tad-drittijiet fundamentali, mas-soċjetà ċivili u mal-awtoritajiet lokali u reġjonali¹⁸. Għaldaqstant, il-Kummissjoni **tistieden lill-Istati Membri biex isaħħu l-miżuri**

¹⁴ [Is-soċjetà ċivili u l-Pjattaforma tad-Drittijiet Fundamentali](#). Wasal total ta' 101 tweġiba. Il-konsultazzjoni tqasmet permezz tal-Pjattaforma tad-Drittijiet Fundamentali tal-FRA. Il-Pjattaforma hija magħmula minn aktar minn 1 000 organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, trade unions, organizzazzjonijiet ibbażati fuq il-fidi, esperti li jirrappreżentaw l-akkademiċi u l-istituzzjonijiet tar-riċerka, u difensuri individwali tad-drittijiet tal-bniedem.

¹⁵ Mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni; Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew; Il-Kummissjoni għaċ-Ċittadinanza, il-Governanza u l-Affarijiet Istituzzjonali u Esterni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni; Il-grupp *ad hoc* dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew; u l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem.

¹⁶ Konsultazzjoni tal-Istati Membri, il-mistoqsija 2.

¹⁷ Il-kompiti tal-punti fokali huma varjati u jinkludu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-aħjar prattika dwar il-Karta (92 %), il-forniment jew il-koordinazzjoni tat-taħriġ dwar il-Karta (58 %), l-assistenza lill-awtoritajiet fil-valutazzjoni tal-impatti tal-leġiżlazzjoni u l-politiki dwar id-drittijiet fundamentali (25 %), l-organizzazzjoni ta' avvenimenti marbuta mal-Karta, attivitajiet relatati mal-finanzjament tal-UE u r-rapportar dwar il-Karta lill-Kummissjoni u lill-FRA; konsultazzjoni tal-punti fokali tal-Karta, il-mistoqsija 2; konsultazzjoni tal-Istati Membri, il-mistoqsija 3. L-isfidi ewlenin huma n-nuqqas ta' ħin minħabba kompiti ta' ħidma oħra (83 %), l-ambitu wiesa' tal-kompiti potenzjali (83 %) u gwida mhux ċara mill-Kummissjoni (67 %); konsultazzjoni tal-punti fokali tal-Karta, il-mistoqsija 7; konsultazzjoni tal-Istati Membri, il-mistoqsija 6.

¹⁸ Il-biċċa l-kbira tal-kompiti tal-punti fokali jitwettqu fi ħdan il-gvernijiet nazzjonali (67 %), kif ukoll mal-UE (33 %), mas-soċjetà ċivili (25 %) u mal-NHRIs, mal-korpi tal-ugwaljanza u mal-ombudspeople (17 %); konsultazzjoni tal-punti fokali tal-Karta, il-mistoqsija 5.

ta' forniment tal-informazzjoni, ta' sensibilizzazzjoni u ta' bini tal-kapaċitajiet dwar il-Karta fil-livell nazzjonali, anki **billi jappoġġaw l-attivitajiet tal-punti fokali tal-Karta**, u billi jinvolvu lis-soċjetà ċivili u lill-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem (NHRIs, National Human Rights Institutions) f'din il-ħidma.

2.2. Promozzjoni tat-taħriġ dwar il-Karta

Fl-istrategġija tal-Karta, l-Istati Membri huma mħeġġa jippromwovu l-użu u s-sensibilizzazzjoni dwar il-Karta billi jiżviluppaw il-**gwida u t-taħriġ għall-amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali u l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattika**¹⁹ u billi jinkoraġixxu t-tagħlim reċiproku dwar il-Karta. Filwaqt li nofs l-Istati Membri organizzaw taħriġ iddedikat dwar il-Karta²⁰, huwa meħtieġ taħriġ aktar immirat biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet rilevanti jkollhom għarfien biżżejjed dwar id-drittijiet fundamentali²¹. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa dawn l-isforzi billi **tniedi programm ta' taħlim reċiproku dwar il-Karta biex tgħin lill-partijiet ikkonċernati nazzjonali jimplimentaw u japplikaw il-Karta**, permezz ta' skambji bejn il-pari, permezz ta' workshops u l-kondiviżjoni tranżnazzjonali tal-aħjar Prattika.

Il-FRA appoġġat l-applikazzjoni tal-Karta fil-livell nazzjonali permezz tal-ġbir u l-analiżi tad-data, inkluż fir-**Rapporti dwar id-Drittijiet Fundamentali** u fiċ-**Charterpedia** tagħha²². Biex ikun jista' jsir l-iskambju tal-aħjar Prattika dwar il-Karta, il-FRA u l-Kummissjoni ilhom jorganizzaw, mill-2023, **avveniment annwali online CharterXchange**, li jlaqqa' flimkien il-prattikanti u parteċipanti interessati oħra inklużi l-amministraturi nazzjonali biex jaqsmu l-esperjenzi u jiddiskutu l-isfidi u l-opportunitajiet relatati mal-applikazzjoni tal-Karta²³.

Il-Kummissjoni u l-FRA **żviluppaw programmi u materjali ta' taħriġ dwar il-Karta u se jkomplu joħlqu s-sensibilizzazzjoni dwar il-materjali**, l-informazzjoni u l-ġhodod eżistenti. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jiżviluppaw materjal ta' informazzjoni u taħriġ dwar il-Karta fil-lingwi nazzjonali tagħhom, ukoll, fejn rilevanti, billi jittraduċu l-ġhodod tal-Karta tal-FRA u jadattawhom għall-kuntest nazzjonali.

2.3. Żieda fl-użu tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali fil-livell nazzjonali

Fl-istrategġija tal-Karta, l-Istati Membri ġew mistiedna **jużaw valutazzjonijiet tal-impatt u proċeduri ta' skrutinju leġislattiv** biex jiżguraw li l-inizjattivi għall-implimentazzjoni tad-

¹⁹ Sittax-il Stat Membru qasmu l-aħjar Prattiki dwar l-applikazzjoni tal-Karta fuq il-Portal tal-Ġustizzja Elettronika ([L-aħjar Prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta](#)). 58 % tal-Istati Membri li wiegħbu jindikaw li aġġornaw il-Portal (konsultazzjoni tal-Istati Membri, il-mistoqsija 10); u 23 ipprovdew informazzjoni dwar fejn jinstabu r-rimedji għal ksur tad-drittijiet fundamentali ([Orati nazzjonali u korpi mhux ġudizzjarji oħra](#)).

²⁰ 53 % tal-Istati Membri li wiegħbu; konsultazzjoni tal-Istati Membri, il-mistoqsija 9. Peress li 20 Stat Membru biss ipparteċipaw fil-konsultazzjoni, ir-riżultati jibqgħu indikattivi.

²¹ Konsultazzjoni tal-Istati Membri, il-mistoqsija 25.

²² Il-kontribut tal-FRA, pp. 3-4, li jirreferi għal [Charterpedia](#) u [r-Rapport tal-2025 dwar id-Drittijiet Fundamentali](#). Iċ-[Charterpedia](#) jinkludi artikoli tal-Karta disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE, il-ġurisprudenza u r-referenzi tal-liġi disponibbli bl-Ingliż u bil-lingwa nazzjonali tal-pajjiż rispettiv. [Il-manwal tal-Karta](#), [il-manwal tal-ħarrieġ](#) u [l-korsijiet ta' taħlim elettroniku](#) huma disponibbli bil-lingwi kollha ħliet għall-GA u l-MT). Ara l-[materjal u r-riżorsi tal-FRA fuq il-Karta](#), u [l-iskedi informattivi tal-Karta](#).

²³ E.ż. [2nd Annual EU CharterXchange](#), [3rd Annual EU CharterXchange](#).

dritt tal-UE jikkonformaw mal-Karta²⁴. Xi Stati Membri żviluppaw linji gwida u jużaw korpi konsultattivi u konsultazzjonijiet pubbliċi biex jgħinu fl-applikazzjoni tal-Karta, filwaqt li l-ministeri u l-korpi parlamentari għandhom ukoll rwol ċentrali fis-sorveljanza u fir-rieżami tal-konformità tal-proposti leġislattivi mal-Karta²⁵. Fl-istess ħin, ir-riċerka tal-FRA tindika li l-valutazzjonijiet tal-impatti tal-proposti leġislattivi fuq id-drittijiet fundamentali²⁶ ma jittwettqux b'mod sistematiku, u l-evalwazzjonijiet *ex post* huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola. Dan jindika ħtieġa li l-awtoritajiet nazzjonali jkomplu jiġu appoġġati fil-valutazzjoni tal-impatti li l-leġislatzjoni nazzjonali li tittrasponi l-obbligi tal-UE jista' jkollha fuq id-drittijiet fundamentali, meta l-miżuri ta' traspożizzjoni jkun jista' jkollhom impatt kbir fuq id-drittijiet tal-Karta. Il-Kummissjoni tistieden lill-punti fokali tal-Karta biex iqassmu l-għodod u l-informazzjoni rilevanti lil dawk li jfasslu l-politika fil-livell nazzjonali u lokali sabiex jgħinuhom iwettqu tali valutazzjonijiet tal-impatt.

2.4. Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

Il-Karta qed tintuża mill-awtoritajiet lokali u reġjonali²⁷ u l-**qafas tal-Bliet tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-FRA**²⁸ huwa meqjus utli biex jgħinuhom jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni u networks ibbażati fuq id-drittijiet fundamentali²⁹. Qed jiġu żviluppati għodod ta' taħriġ iddedikati bħala parti mill-proġett **RIGHTSCITIES**³⁰ iffinanzjat taħt il-**programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV, Citizens, Equality, Rights and Values)**. Mill-2021 lil hawn, il-Kummissjoni qed tgħin lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jippromwov u l-Karta permezz tas-**sejħa ta' Ġemellaġġ bejn l-Ibliet** tal-programm CERV³¹. Il-ġemellaġġ bejn l-ibliet joħloq opportunitajiet għall-kooperazzjoni bejn muniċipalitajiet f'pajjiżi differenti, li jippermettu lill-awtoritajiet lokali jindirizzaw sfidi kondiviżi mil-lenti

²⁴ Il-maġġoranza l-kbira, 79 %, tal-Istati Membri li wiegħbu, jirrapportaw l-użu ta' valutazzjonijiet tal-impatt u skrutinju leġislattiv biex tiġi żgurata l-konformità mal-Karta (konsultazzjoni tal-Istati Membri, il-mistoqsija 7).

²⁵ 37 % tal-Istati Membri li wiegħbu ħarġu gwida lill-awtoritajiet nazzjonali dwar il-valutazzjoni tal-impatti fuq il-Karta meta jittrasponu u jimplementaw id-dritt tal-UE; konsultazzjoni tal-Istati Membri, il-mistoqsija 7. Ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali jissewma minn DE, FI, HU, IE u ES; konsultazzjoni tal-Istati Membri, il-mistoqsija 8. Taħriġ iddedikat sar disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali u lokali jew reġjonali fi 53 % ta' dawn l-Istati Membri.

²⁶ Il-Valutazzjonijiet tal-Impatt fuq id-Drittijiet tal-Bniedem ikopru 1) il-valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* (il-valutazzjoni tal-impatti possibbli tal-leġislatzjoni); 2) skrutinju legali (valutazzjoni ta' proposta leġislattiva kontra l-istandards tad-drittijiet fundamentali); u 3) evalwazzjonijiet *ex post* (evalwazzjonijiet retrospettivi ta' kif il-leġislatzjoni affettwat id-drittijiet fundamentali wara li ġiet implimentata); FRA, 2025, "Leġislatzjoni aħjar: Valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem fit-tfassil tal-liġijiet".

²⁷ Uħud mill-awtoritajiet lokali u reġjonali li wiegħbu jużaw il-Karta biex jinformaw lill-politika u lit-teħid ta' deċiżjonijiet (33 %), jużawha fil-finanzjament tal-UE (33 %), u biex iżidu s-sensibilizzazzjoni (25 %); konsultazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-mistoqsija 6. Huma jidentifikaw l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni (80 %), l-akkomodazzjoni, is-saħħa, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali u l-appoġġ għal gruppi vulnerabbli (59 %), il-protezzjoni tad-data personali (49 %) u d-demokrazija lokali (57 %) bħala l-oqsma ta' politika fejn jistgħu jużaw il-Karta bl-aktar mod effettiv; konsultazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-mistoqsija 11. 52,94 % tar-rispondenti kienu mill-Polonja, fatt li jaffettwa l-konkluzività ta' din il-konsultazzjoni.

²⁸ [Bliet għad-drittijiet tal-bniedem fl-UE: qafas għat-tisħiħ tad-drittijiet lokalment](#). Dan il-qafas huwa magħruf ma' 41 % tar-rispondenti.

²⁹ Konsultazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-mistoqsija 10.

³⁰ [RIGHTSCITIES - The Raoul Wallenberg Institute of Human Rights and Humanitarian Law. RIGHTSCITIES- LBI für Grund- und Menschenrechte](#).

³¹ Minn 400 proġett iffinanzjat bejn l-2021 u l-2025, madwar 10 % jirreferu għall-Karta.

tal-Karta. Il-proġetti, pereżempju, iffokaw fuq in-nondiskriminazzjoni, l-inklużjoni, il-parteċipazzjoni demokratika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi.

Madankollu, hija meħtieġa aktar informazzjoni dwar il-valur miżjud tal-Karta meta mqabbla ma' strumenti oħra tad-drittijiet tal-bniedem, u meta tapplika fil-livell lokali³². Il-konsultazzjonijiet jindikaw ħtieġa għal aktar appoġġ prattiku, bħal taħriġ imfassal apposta, sensibilizzazzjoni u finanzjament³³. Għaldaqstant, il-Kummissjoni **qed tistieden lill-Istati Membri jgħinu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex japplikaw il-Karta** billi, pereżempju, jibnu fuq il-materjali żviluppatti mill-proġett RIGHTSCITIES.

2.5. Prevenzjoni, monitoraġġ u infurzar

Skont id-dritt tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ir-responsabbiltà ewlenija li japplikaw b'mod korrett id-dritt tal-UE. Il-qrati nazzjonali għandhom rwol ewlieni fl-infurzar tal-Karta billi japplikaw u jinterpretaw id-dritt tal-UE fl-ordinament ġuridiku domestiku. Il-mekkaniżmu ta' deċiżjoni preliminari jstabbilixxi mekkaniżmu ta' djalogu bejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-qrati nazzjonali biex jiġi żgurat li d-dritt tal-UE, inkluża l-Karta, jiġu interpretati b'mod uniformi.

Fl-istrateġija tal-Karta, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza ta' **djalogu kontinwu mal-Istati Membri biex jiġi evitat ksur tad-drittijiet fundamentali**³⁴. Tali djalogu jseħħ, b'mod partikolari, fi gruppi ta' ħidma speċifiċi għall-politika³⁵ u permezz ta' attivitajiet ta' taġħlim reċiproku³⁶. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid l-impenn tagħha li **timmonitorja l-applikazzjoni tal-Karta u tal-liġijiet relatati tal-UE** u li timmonitorja mill-qrib każijiet meta Stat Membru jkun qed juri nuqqas sistemiku fl-applikazzjoni tal-Karta meta jimplementa d-dritt tal-UE³⁷. F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur³⁸ relatati mar-

³² Konsultazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-mistoqsijiet 15 u 21. 47 % tar-rispondenti ma humiex qed jieħdu inizjattivi biex iżidu l-użu tal-Karta mill-awtorità tagħhom, u 33 % addizzjonali ma humiex konxji dwar inizjattivi bħal din; konsultazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-mistoqsija 12.

³³ Konsultazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-mistoqsijiet 21 u 22. 75 % tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li wiegħu ma pparteċipawx fit-taħriġ dwar il-Karta (il-mistoqsija 7), u 26 % jikkunsidraw l-opportunitajiet ta' taħriġ disponibbli bħalissa bħala mhux biżżejjed jew ma jafux jekk humiex biżżejjed (55 %) (il-mistoqsija 8).

³⁴ Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll taħriġ liċ-ċentri tas-SOLVIT dwar id-drittijiet fundamentali.

³⁵ Pereżempju, il-grupp ta' livell għoli dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda li jgħin lill-Istati Membri jimplementaw id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI; il-grupp ta' esperti li jgħin lill-Istati Membri jittrasponu u jimplementaw id-Direttiva (UE) 2019/1937 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw ksur tad-dritt tal-Unjoni; in-Network tal-UE għad-Drittijiet tat-Tfal li jipprovidi pjattaforma għad-djalogu għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar sistemi integrati ta' protezzjoni tat-tfal; in-Network għall-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika; il-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità li jappoġġa l-isforzi li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni u jippromwovi l-ugwaljanza u d-diversità; in-Network Ewropew tal-Liġi dwar l-Ugwaljanza li jipprovidi informazzjoni dwar il-konformità mad-Direttivi dwar l-Ugwaljanza.

³⁶ Bħall-programm ta' taġħlim reċiproku fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inizjattivi ta' sħubija dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, u l-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal.

³⁷ F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni ġeneralment ma tintervjenix f'każijiet individwali relatati ma' ksur tar-regoli fundamentali, li jridu jiġu ttrattati mill-awtoritajiet u mill-qrati nazzjonali f'konformità mar-rimedji nazzjonali. Hija se tintervjeni biss jekk ikun hemm elementi li jindikaw l-eżistenza ta' dispożizzjonijiet jew prattiki sistematiċi, li jiksru l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni. Ara wkoll il-punt 5: It-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni tan-nies dwar id-drittijiet tagħhom skont il-Karta.

rispett għal drittijiet speċifiċi tal-Karta, bħal pereżempju d-dritt għal rimedju effettiv, il-protezzjoni tad-data personali, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika, il-libertà ta' assoċjazzjoni, in-nondiskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-ġeneru jew tal-orjentazzjoni sesswali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà tal-espressjoni u l-pluraliżmu tal-media, id-dritt għall-privileġġ professjonali legali, u l-preżunzjoni tal-innoċenza.

Mill-2021, il-Kummissjoni ppreżentat **rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta**, filwaqt li tħares lejn l-impatt tal-Karta f'oqsma ta' politika partikolari³⁹. L-istrateġija tal-Karta u r-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta jiffurmaw parti minn sforz usa' fil-livell tal-UE biex jissaħħu l-valuri fundamentali, inkluż ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, id-demokrazija u l-ugwaljanza. Dan jinkludi wkoll ir-Rapporti annwali dwar l-Istat tad-Dritt⁴⁰, il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija, il-Pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija⁴¹, rapporti dwar iċ-ċittadinanza tal-UE⁴², it-Tarka Ewropea għad-Demokrazija⁴³, l-Istrateġija għas-Soċjetà Ċivili⁴⁴ u strateġiji biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi ta' detenturi tad-drittijiet⁴⁵.

F'dak kollu li jirrigwarda l-iżvilupp tar-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta, il-Kummissjoni taħdem fi sħubija ma' istituzzjonijiet u aġenziji oħra tal-UE, b'mod partikolari l-FRA, biex tiġbor informazzjoni u data għar-rapporti, u twestaq konsultazzjonijiet wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati⁴⁶. **Ir-rapporti tal-Karta huma għodod siewja biex tiġi enfasizzata r-rilevanza tad-drittijiet fundamentali f'diversi politiki**, filwaqt li jservu wkoll bħala tfakkiriet dwar il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' u l-applikabbiltà tal-Karta. Ir-rapporti jitqiesu wkoll utli għas-soċjetà ċivili u l-ġudikatura⁴⁷ peress li jipprovdu sommarji aggregati regolari tad-dritt rilevanti tal-UE, jiggwidaw l-azzjoni ta' promozzjoni b'appoġġ għad-drittijiet fundamentali, u b'mod ġenerali, biex jenfasizzaw ir-rikonoxximent tal-isfidi

³⁸ [Każijiet ta' ksur fl-UE - Każijiet ta' ksur, traspożizzjoni ta' direttivi u djalogu EU Pilot](#). Ara, pereżempju: [il-Kawża C-204/21](#), [il-Kummissjoni v il-Polonja \(L-indipendenza u l-privatezza tal-imħallfin\)](#), [il-Kawża C-808/21](#), [il-Kummissjoni v ir-Repubblika Ċeka \(Il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni\)](#), [il-Kawża C-769/22](#), [il-Kummissjoni v l-Ungerija \(Id-dinjità tal-persuna umana, il-protezzjoni tad-data personali u r-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, in-nondiskriminazzjoni\)](#), [il-Kawża C-92/23](#), [il-Kummissjoni v l-Ungerija \(Id-dritt għall-forniment ta' servizzi tal-media fuq frekwenza tar-radju\)](#), [il-Kawża C-829/24](#), [il-Kummissjoni v l-Ungerija \(Il-protezzjoni kontra interferenza politika barranija\)](#) u [il-Kawża C-57/25](#), [il-Kummissjoni v l-Estonja \(Rimedju ġudizzjarju effettiv\)](#).

³⁹ [Inħarġu erba' rapporti annwali tal-Karta](#), li jiffokaw fuq id-drittijiet fundamentali fl-era diġitali, l-ispazju ċiviku b'saħħtu, il-protezzjoni legali effettiva u l-aċċess għall-ġustizzja, u l-finanzjament tad-drittijiet fundamentali.

⁴⁰ [Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt](#). Il-monitoraġġ ikopri wkoll kwistjonijiet, bħall-indipendenza ġudizzjarja u l-qafas abilitanti għall-ispazju ċiviku, li huma direttament rilevanti għall-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali.

⁴¹ Inklużi [JOIN\(2025\) 791 final](#) u [COM/2025/790 final](#).

⁴² [Ir-rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE](#).

⁴³ [JOIN/2025/791 final](#).

⁴⁴ [COM/2025/790 final](#).

⁴⁵ Bħal [l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal](#). Għall-Unjoni tal-istrateġiji ta' ugwaljanza, ara n-nota 107 f'qiegħ il-paġna.

⁴⁶ Għall-partijiet ikkonċernati kkonsultati għal dan ir-rapport, ara l-Kapitolu 1.

⁴⁷ Konsultazzjoni tas-soċjetà ċivili, il-mistoqsija 19. 68,32 % tar-rispondenti huma konxji mir-rapporti; Konsultazzjoni tal-professjonisti tal-ġustizzja, il-mistoqsija 19. 72,22 % tar-rispondenti huma konxji mir-rapporti

eżistenti⁴⁸. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati talbu li tingħata spinta lill-użu tar-rapporti bħala għodod ta' monitoraġġ, b'mod partikolari, billi jissuġġerixxu enfasi fuq il-protezzjoni ta' drittijiet speċifiċi tal-Karta; u biex jiġu inklużi referenzi għad-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

Il-Kummissjoni se teżamina modi kif tiżviluppa aktar ir-rapporti tal-Karta biex ttipprovi ħarsa ġenerali aktar dettaljata tal-iżviluppi ewlenin li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' drittijiet speċifiċi tal-Karta relatati mat-tema magħżula, inklużi d-deċiżjonijiet ġudizzjarji rilevanti. Il-Kummissjoni se tappoġġa s-sejbiet tagħha b'indikaturi tad-data rilevanti, meta disponibbli, mill-Eurostat u minn sorsi rilevanti oħra. Se twettaq studju tal-fattibbiltà biex tanalizza aktar opportunitajiet biex issaħħaħ il-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tar-rapporti tematiċi annwali tal-Karta. Dawn l-aspetti se jiġu diskussi wkoll fil-qafas tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili l-ġdida li se tiġi stabbilita fl-2026⁴⁹.

Il-konsultazzjonijiet juru li **s-segwitu fil-livell nazzjonali għar-rapporti tal-Karta** baqa' limitat⁵⁰. Għalhekk, il-Kummissjoni **tistieden lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom f'li jsewgu r-rapporti tal-Karta**, b'mod partikolari, billi jorganizzaw avvenimenti mal-gruppi rilevanti tal-partijiet ikkonċernati biex jiddiskutu s-suġġett tar-rapport annwali fil-kuntest nazzjonali.

Bl-istess mod, il-Kummissjoni stiednet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jorganizzaw diskussjonijiet sostantivi biex isegwu r-rapporti tal-Karta. Fl-2021, il-Kunsill adotta **konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta**, li jagħtu dettalji dwar il-miżuri li l-Istati Membri jistgħu jieħdu biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-istrategija⁵¹. Kull sena, huwa stieden lill-Kummissjoni tippreżenta s-sejbiet tar-rapport dwar il-Karta lill-Istati Membri u adotta konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett tar-rapport b'aktar rakkomandazzjonijiet⁵².

Fl-istrateġija, il-Kummissjoni ħeġġet ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali biex jiżviluppaw **kooperazzjoni interparlamentari dwar l-applikazzjoni tal-Karta**. Il-Kummissjoni terġa' tistieden lill-Parlament Ewropew biex jinvolvi lill-parlamenti nazzjonali fit-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta, anki billi **jorganizza laqgħa ta'**

⁴⁸ Skont l-ENNHRI, l-attenzjoni ddedikata mill-Kummissjoni għall-ġbir ta' informazzjoni minn partijiet ikkonċernati ewlenin għar-rapport annwali dwar il-Karta żiedet ir-rikonoxximent tar-rilevanza u l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE. Il-kontribut tal-ENNHRI għall-konsultazzjonijiet tal-NHRIs, p. 5.

⁴⁹ [COM/2025/790 final](#).

⁵⁰ 37 % tal-Istati Membri li wiegħbu jirrapportaw li organizzaw segwitu; konsultazzjoni tal-Istati Membri, il-mistoqsija 11. Xi Stati Membri bagħtu r-rapport għall-informazzjoni lill-Ministru responsabbli (HU) jew lill-ministeri u lill-NHRIs (LU, ES). Fil-BG, is-sejbiet infurmaw l-iżvilupp ta' attivitajiet futuri ta' taħriġ ġudizzjarju. Il-PL u l-PT organizzaw avvenimenti ta' segwitu. Ara wkoll il-konsultazzjoni tal-NHRIs, tal-korpi tal-ugwaljanza u tal-ombudspeople, il-mistoqsija 27.

⁵¹ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea](#).

⁵² [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali biex jiġu protetti u infurzati d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali](#); [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE](#); [Ir-rwol tal-ispazju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE](#); [Konklużjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: promozzjoni tal-fiduċja permezz tal-protezzjoni legali effettiva u l-aċċess għall-ġustizzja](#); [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: finanzjament għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali](#).

koordinazzjoni interparlamentari dwar l-applikazzjoni tal-Karta. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tappoġġa l-iżvilupp ta' din l-inizjattiva.

2.6. L-iżgurar tal-protezzjoni tal-valuri tal-Karta permezz tal-fondi tal-UE

Il-finanzjament tal-UE huwa kruċjali għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE. Sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE tikkonforma mal-Karta, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR)⁵³ jinkludi “**kundizzjoni abilitanti orizzontali dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-Karta (HEC tal-Karta)**”⁵⁴. Il-HEC tal-Karta tirrikjedi li l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ arranġamenti biex jiżguraw li l-programmi appoġġati mill-fondi tar-RDK jikkonformaw mal-Karta fl-istadji kollha tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni. Huma mħeġġa jinvolvu organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħal korpi indipendenti tad-drittijiet fundamentali, f'dawn l-arranġamenti. L-Istati Membri huma meħtieġa wkoll jistabbilixxu arranġamenti ta' rapportar lill-kumitati ta' monitoraġġ għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità tal-operazzjonijiet mal-Karta u lmenti dwar il-Karta.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja jekk l-HEC tal-Karta għadhiex issodisfata matul il-perjodu ta' programmazzjoni, u se tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-konformità kif xieraq⁵⁵. Il-konsultazzjonijiet, madankollu, jindikaw il-ħtieġa ta' aktar informazzjoni u gwida biex jgħinu lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali li jimmaniġġjaw il-fondi tal-UE japplikaw il-Karta, pereżempju, billi jipprovdur gwida permezz ta' moduli ta' taħriġ, bini tal-kapaċitajiet jew l-iskambju tal-aħjar prattika⁵⁶. F'konformità mal-impenn li sar fl-istrateġija tal-Karta, tali gwida għet ippubblikata fil-forma ta' **manwal biex jiggwida lill-awtoritajiet u lill-korpi nazzjonali u reġjonali fl-iżgurar ta' implimentazzjoni koerenti u effettiva tal-HEC tal-Karta**⁵⁷. Il-Kummissjoni se tittraduċi l-manwal fil-lingwi uffiċjali tal-UE biex tiżgura li jkun aċċessibbli għall-partijiet ikkonċernati nazzjonali. Il-Kummissjoni se tesplora wkoll jekk hijiex meħtieġa aktar azzjoni skont il-QFP li jmiss, bħal attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet jew l-iskambju tal-aħjar prattika.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss tinkludi salvagwardji u inċentivi b'saħħithom biex il-finanzjament tal-UE jirrispetta l-Karta u l-istat tad-dritt⁵⁸. Il-konformità mal-prinċipji tal-istat tad-dritt u mal-Karta hija prerekwiżit għall-appoġġ finanzjarju. Biex il-pjanijiet nazzjonali u reġjonali tagħhom jiġu approvati, l-Istati Membri jkollhom juru li għandhom fis-seħħ mekkaniżmi xierqa biex jiżguraw il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-HEC tal-Karta matul l-implimentazzjoni tal-fondi.

⁵³ [Ir-Regolament \(UE\) 2021/1060](#).

⁵⁴ Il-kundizzjoni abilitanti orizzontali tal-“applikazzjoni u implimentazzjoni effettivi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE” hija prevista fl-Anness III tar-RDK. Minbarra l-HEC tal-Karta, ir-RDK jinkludi prinċipji orizzontali fl-Artikolu 9, li jirrikjedu r-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-konformità mal-Karta mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Fondi.

⁵⁵ Għal aktar informazzjoni dwar il-mekkaniżmi u l-proċeduri għall-monitoraġġ tat-twertiq tal-HEC tal-Karta, ara l-istrateġija tal-Karta, p. 9, u r-[rapport tal-Karta tal-2024](#), p. 21 sa 22.

⁵⁶ Konsultazzjoni tal-Istati Membri, il-mistoqsija 15 u l-mistoqsija 16.

⁵⁷ [Manwal dwar id-Drittijiet Fundamentali fil-Finanzjament tal-UE](#).

⁵⁸ COM(2025) 46, p. 12.

3. Għoti tas-setgħa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet u lill-professionisti tal-ġustizzja

3.1. Soċjetà ċivili

L-istrateġija tal-Karta tenfasizza l-kontribut indispensabbli tal-OSĊ u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem biex jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali jkunu jistgħu jitgawded minn kulħadd. Fl-Istrateġija, il-Kummissjoni stiednet **lill-Istati Membri jippromwovu ambjent ta' appoġġ u sikur għall-OSĊ** u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżhom, inkluż fil-livell lokali⁵⁹.

Il-Kummissjoni ddedikat **ir-rapport tal-Karta tal-2022 għal spazju ċiviku b'saħħtu**⁶⁰ li fih iddeskriviet ir-rwol tal-OSĊ, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tal-NHRIs, tal-korpi tal-ugwaljanza u tal-ombudspeople fl-appoġġ tal-applikazzjoni tal-Karta, immappjat il-miżuri meħuda fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali biex jiproteġuhom, jappoġġawhom u jagħtuhom is-setgħa, u identifikat sfidi, lakuni u oqsma għal titjib f'dan ir-rigward. Ir-rapport innota **tnaqqis ulterjuri fl-isparju ċiviku fl-UE kollha**⁶¹ b'theddid u fastidju rrapportati mill-OSĊ, mid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u mill-membri tagħhom⁶².

Biex issegwi r-rapport tal-Karta tal-2022, il-Kummissjoni organizzat serje ta' seminars dwar il-miżuri meħtieġa biex tagħti aktar setgħa, tiproteġi u tappoġġa lis-soċjetà ċivili, li ġiet konkluża b'avveniment ta' livell għoli f'Novembru 2023⁶³. Rapport finali⁶⁴ rakkomanda li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jimpenjaw ruħhom għall-protezzjoni, il-promozzjoni u l-appoġġ ta' spazju ċiviku fl-UE. Dawn il-konklużjonijiet iddaħħlu f'**Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fl-2023 dwar il-promozzjoni tal-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika**⁶⁵. F'konformità ma' din ir-Rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni żviluppat għodod biex tinvolvi liċ-ċittadini fit-tfassil tal-politika tagħha, b'mod partikolari l-Bordijiet taċ-Ċittadini Ewropej, li jistgħu jispiraw lill-gvernijiet nazzjonali u lokali biex jistabilixxu l-istrateġiji tagħhom stess għall-involviment taċ-ċittadini. Fl-2024, il-Kummissjoni adottat ukoll **żewġ Direttivi dwar standards minimi għall-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza** biex ittejjeb l-effettività tagħhom u tiggarrantixxi l-indipendenza tagħhom⁶⁶.

⁵⁹ L-Istati Membri jirrapportaw li daħħlu fis-seħħ politiki tas-soċjetà ċivili u jirreferu għall-opportunitajiet u l-leġiżlazzjoni ta' finanzjament nazzjonali li jiproteġu l-libertà ta' assoċjazzjoni u espressjoni. Konsultazzjoni tal-Istati Membri, il-mistoqsija 17.

⁶⁰ [COM/2022/716](#), pp. 7-12. Ara wkoll [Ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt](#), pp. 29-30.

⁶¹ [Is-soċjetà ċivili | L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali](#), [L-isparju ċiviku | OECD \(Organisation for Economic Co-operation and Development\)](#), [il-Monitoraġġ tal-isparju ċiviku Civicus](#), [il-Forum ċiviku](#). Ara wkoll [Ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt](#), p. 30.

⁶² [FRA, Il-protezzjoni tas-soċjetà ċivili – Aġġornament tal-2023](#), p. 3; [COM/2022/716](#), p. 13.

⁶³ [Spazju ċiviku b'saħħtu għaż-żamma tad-drittijiet fundamentali fl-UE: qafas għal azzjoni futura](#).

⁶⁴ [Rapport Finali - Spazju ċiviku b'saħħtu għaż-żamma tad-drittijiet fundamentali fl-UE | il-Kummissjoni Ewropea](#).

⁶⁵ [Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2023/2836](#).

⁶⁶ [Id-Direttiva tal-Kunsill \(UE\) 2024/1499](#) u [d-Direttiva \(UE\) 2024/1500](#).

Filwaqt li tibni fuq dawn l-inizjattivi u twieġeb għal talbiet mis-soċjetà ċivili, fit-12 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni adottat **I-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili**⁶⁷. L-istrateġija tistabbilixxi qafas biex trawwem l-involvement mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u biex tippoteġihom, tappoġġahom u tiżgura finanzjament sostenibbli u trasparenti tagħhom fil-livelli tal-UE u nazzjonali. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi **Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili** biex iżżid l-involvement tagħha mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq id-drittijiet fundamentali u politiki oħra tal-UE bbażati fuq il-valuri. Il-Kummissjoni tistieden ukoll lill-Istati Membri biex **jinvolve lis-soċjetà ċivili f'attivitajiet relatati mal-Karta fil-livell nazzjonali** biex jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni u l-bini ta' kapaċità reċiproka⁶⁸.

Il-Kummissjoni impenjat ruħha wkoll li tappoġġa ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari, permezz ta' **finanzjament mill-programm CERV**⁶⁹. Bejn l-2022 u l-2025, ingħataw aktar minn EUR 1,3 biljun lil atturi li jikkontribwixxu għall-applikazzjoni tal-valuri minnuxxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u fil-Karta⁷⁰.

F'Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat **il-proposta tagħha għal programm ta' finanzjament ġdid AgoraEU** biex tkompli tiffinanzja l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali permezz tal-fergħa tagħha tad-Demokrazija, iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri ("CERV+") mill-2028 sal-2034⁷¹. Skont il-QFP l-ġdid, filwaqt li taħdem flimkien mal-baġits nazzjonali u tikkomplementa sforzi oħra fil-livell Ewropew u dak nazzjonali, l-Unjoni se tappoġġa lis-soċjetà ċivili fl-avvanz tal-applikazzjoni tal-Karta, inkluż permezz tal-programm propost AgoraEU u l-programm tal-Ġustizzja⁷² ladarba jiġi adottat.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni stiednet **lin-networks tas-soċjetà ċivili**⁷³ biex isaħħu l-isforzi tagħhom għall-bini tal-kapaċitajiet billi jikkooperaw fit-taħriġ u l-kondiviżjoni tal-prattika dwar il-Karta, filwaqt li jibnu fuq l-appoġġ u l-għodod żviluppjati mill-

⁶⁷ [COM \(2025\) 790 final](#).

⁶⁸ Mill-OSC ikkonsultati, 70 % ma kinux konxji ta' azzjonijiet li jagħtu s-setgħa lis-soċjetà ċivili meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali. Bosta rreferew għall-gvernijiet li jintimidaw b'mod attiv lis-soċjetà ċivili. Ġeneralment raw distakk bejn l-istrateġiji u l-azzjoni tanġibbli meħuda mill-Istati Membri tagħhom. Konsultazzjoni tal-Istati Membri, il-mistoqsija 8. Għall-politiki nazzjonali li jagħtu s-setgħa lill-ispazju ċiviku, ara l-[Ispazju ċiviku OECD](#).

⁶⁹ Ara [aktar informazzjoni dwar il-programm](#); [ir-rapport tal-Karta tal-2024](#), pp. 5-9; [SWD/2025/133](#).

⁷⁰ [Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri - Prestazzjoni - il-Kummissjoni Ewropea](#). Aktar informazzjoni dwar kif il-programmi ta' finanzjament tal-UE għenu biex tiġi applikata l-Karta hija disponibbli fir-[rapport tal-Karta tal-2024](#). Ara wkoll [il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2025](#). Skont sejħiet annwali għal proposti CHAR-LITI, ġie pprovdut finanzjament għal proġetti dwar il-bini tal-kapaċitajiet u s-sensibilizzazzjoni dwar il-Karta, l-għoti tas-setgħa lill-ispazju ċiviku, il-litigazzjoni strateġika, il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda u l-protezzjoni tal-informaturi; [Il-Portal tal-UE għall-Finanzjament u l-Offerti](#)). Fl-ambitu tal-fergħa tal-Valuri tal-Unjoni tal-programm CERV, il-Kummissjoni appoġġat in-networks Ewropej, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-gruppi ta' riflessjoni fl-applikazzjoni tal-Karta.

⁷¹ Il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028-2034.

⁷² Il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-programm għall-Ġustizzja għall-perjodu 2028-2034.

⁷³ B'referenza għal networks bħall-ENNHRI, in-Network Ewropew għall-Korpi tal-Ugwaljanza (Equinet) u n-Network Ewropew tal-Ombudsmen, kif ukoll networks li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi.

Kummissjoni u mill-FRA⁷⁴. Hija nnotat li l-OSC, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-NHRIs, il-korpi tal-ugwaljanza u l-ombudspeople huma f'pożizzjoni tajba biex jaqsmu l-informazzjoni u jgħinu lin-nies jaċċessaw il-protezzjoni ġudizzjarja meta d-drittijiet fundamentali tagħhom jiġu miksur⁷⁵. **Il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva u l-litigazzjoni strateġika, b'mod partikolari, jistgħu jikkontribwixxu għall-infurzar effettiv tad-drittijiet fundamentali** u l-Kummissjoni ffinanzjat diversi proġetti biex tibni l-kapaċità tas-soċjetà ċivili li twettaq il-litigazzjoni strateġika abbażi tal-Karta⁷⁶.

Biex tkompli ssaħħa l-implimentazzjoni tal-impenji ta' hawn fuq, **il-Kummissjoni tistieden lill-OSC, lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u lill-NHRIs, lill-korpi tal-ugwaljanza u lill-ombudspeople biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex jikkooperaw u jaqsmu l-prattika dwar il-Karta**. Barra minn hekk, hija tistieden lil dawg il-partijiet ikkonċernati, kif ukoll lill-professionisti tal-ġustizzja u lill-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE **biex jaqsmu l-ġurisprudenza u Prattika tajba oħra dwar il-Karta mal-FRA**⁷⁷ biex jappoġġaw l-aġġornament tal-bażi tad-data Charterpedia.

3.2. Ir-rwol tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem

It-tieni fergħa tal-istrateġija tal-Karta tenfasizza **l-importanza ta' NHRIs b'saħħithom u indipendenti**. B'mandati wiesgħin li jkopru d-drittijiet fundamentali kollha, l-NHRIs għandhom rwol uniku li jiżguraw li d-drittijiet fundamentali jiġu ssalvagwardjati mill-atturi tal-Istat, u li joħolqu rabtiet bejn il-gvernijiet u s-soċjetà ċivili⁷⁸. Għalhekk, fl-istrateġija tal-Karta, il-Kummissjoni stiednet lil dawg l-Istati Membri li ma stabbilewx NHRI indipendenti biex jagħmlu dan. Hija stiednet ukoll lill-Istati Membri l-oħra biex jiżguraw li l-NHRIs jingħataw l-għodod u l-mezzi biex jikkonformaw mal-prinċipji ta' Pariġi tan-Nazzjonijiet Uniti⁷⁹, u biex jirreferu għall-Karta fil-mandati tagħhom. Hija ħadet nota tar-rwol tal-ENNHRI fl-għajnuna lill-Istati Membri biex jiksbu u jżommu akkreditazzjoni ta' status A tal-NHRIs tagħhom⁸⁰, b'mod partikolari, permezz tal-koordinazzjoni tal-bini tal-kapaċitajiet u l-kondiviżjoni tal-prattika dwar il-Karta.

Wara l-adozzjoni tal-istrateġija tal-Karta, **ħames NHRIs addizzjonali ġew akkreditati bl-istatus A** (fl-Awstrija, f'Ċipru, fl-Estonja, fis-Slovenja u fl-Iżvezja)⁸¹ u sar progress lejn l-istabbiliment ta' NHRI akkreditata fiċ-Ċekja u fir-Rumanija⁸². L-ENNHRI jgħin lill-istituzzjonijiet maħtura jiksbu u jżidu l-akkreditazzjoni tagħhom permezz ta' pariri tekniċi u

⁷⁴ Ara l-konsultazzjoni tal-ENNHRI, tan-Network Ewropew għall-Korpi tal-Ugwaljanza (Equinet) u tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen u l-membri tagħhom (korpi tad-drittijiet fundamentali), il-mistoqsija 10.

⁷⁵ Tletin fil-mija biss tal-korpi tad-drittijiet fundamentali rrapportaw li jużaw il-Karta biex jipprovdu informazzjoni dwar ir-rimedji disponibbli jew l-appoġġ għall-vittmi, u 30 % rrapportaw li jużaw il-Karta fil-każ ta' litigazzjoni (strateġika); konsultazzjoni tal-korpi tad-drittijiet fundamentali, mistoqsija 3 (d).

⁷⁶ Bejn l-2022 u l-2024, inħarġu EUR 15-il miljun biex jiffinanzjaw 35 proġett dwar il-Karta u l-litigazzjoni strateġika taħt il-programm CERV.

⁷⁷ Permezz ta' Charter@fra.europa.eu.

⁷⁸ [COM\(2024\) 800](#), p. 32.

⁷⁹ [Prinċipji relatati mal-Istatus tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali \(Il-Prinċipji ta' Pariġi\) | OHCHR, CM/Rec\(2021\)1](#).

⁸⁰ [L-NHRIs li huma vvalutati bħala li jikkonformaw għal kollox mal-prinċipji ta' Pariġi tan-NU huma akkreditati bl-istatus A](#).

⁸¹ [Sħubija - GANHRI, Il-Membri tagħna - ENNHRI](#).

⁸² [Il-kontribut tal-ENNHRI għall-konsultazzjoni](#), p. 9-10.

konsultazzjoni. Il-Kummissjoni timmonitorja s-sitwazzjoni tal-ombudspersons, l-NHRIs, il-korpi tal-ugwaljanza u awtoritajiet indipendenti oħra fir-rapporti tagħha dwar l-Istat tad-dritt taħt il-pilastru dwar “kwistjonijiet istituzzjonali oħra marbuta mal-kontrolli u l-bilanċi”.

Wara l-adozzjoni tal-istrateġija tal-Karta, **l-ENNHRI u l-NHRIs kienu dejjem aktar involuti fl-appoġġ tal-applikazzjoni tal-Karta**⁸³. L-ENNHRI jorganizza l-bini tal-kapaċitajiet għall-Karta u jikkontribwixxi, flimkien mal-membri tiegħu, għat-tħejjija ta' leġislazzjoni u politiki li jittrattaw id-drittijiet fundamentali u l-valuri sottostanti⁸⁴.

Biex tappoġġa l-isforzi tagħhom, il-Kummissjoni se **tqis il-ħtieġa għal gwida addizzjonali fir-rigward tar-rwol tal-NHRIs skont id-dritt tal-UE**, inkluż fl-applikazzjoni tal-Karta, u kif l-Istati Membri jistgħu jappoġġawhom. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-NHRIs fl-applikazzjoni tal-Karta, anki permezz ta' finanzjament mill-programm CERV tal-2021-2027 u permezz tal-programm propost AgoraEU, ladarba jiġi adottat.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tistieden lill-NHRIs, lill-korpi tal-ugwaljanza u lill-ombudspeople biex ikomplu jappoġġaw l-applikazzjoni tal-Karta permezz ta' attivitajiet dedikati fl-Istati Membri tagħhom, inkluż billi **jipprovdu informazzjoni u pariri lill-individwi dwar id-drittijiet fundamentali** u rimedji legali f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali.

Huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi żgurat li l-NHRIs ikunu jistgħu jappoġġaw l-applikazzjoni tal-Karta fl-Istati Membri kollha⁸⁵. Għalhekk, il-Kummissjoni **tistieden lill-Istati Membri biex jinvolvu lill-NHRIs fi proċessi ta' konsultazzjoni** biex jippermettulhom jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-valutazzjoni tal-impatti fuq id-drittijiet fundamentali meta jkunu qegħdin iħejju leġislazzjoni u politika f'oqsma fejn tapplika l-Karta. Hija **tistieden ukoll lill-Istati Membri jiżviluppaw inizzjattivi ta' sensibilizzazzjoni u ta' bini tal-kapaċitajiet għall-Karta fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali**, billi jużaw l-għarfien kondiviż tal-NHRIs, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tas-soċjetà ċivili, tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tal-gvern.

3.3. Professionisti tal-ġustizzja

⁸³ L-NHRIs jirrapportaw li l-Karta tipprovdi valur miżjud billi ssaħħaħ l-argumenti legali u l-promozzjoni u tappoġġa l-interpretazzjoni tal-istandards legali tal-UE. Ir-rispondenti jirrapportaw li jużaw il-Karta fir-rapportar (70 %), fil-korsijiet ta' taħriġ (61 %), fis-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali (83 %), fit-trattament tal-ilmenti (61 %), fl-għoti ta' pariri lill-atturi tal-Istat dwar politiki ġodda (52 %) u fl-abbozz ta' leġislazzjoni (57 %), fl-għoti ta' informazzjoni dwar ir-rimedji jew l-appoġġ lill-vittmi (49 %), fil-kampanji (48 %) u fil-litigazzjoni jew il-litigazzjoni strateġika (30 %). Konsultazzjoni tal-korpi tad-drittijiet fundamentali, il-mistoqsijiet 3, 4 u 5.

⁸⁴ [Il-kontribut tal-ENNHRI għall-konsultazzjoni](#); [Il-pjan ta' azzjoni dwar it-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea \(2021-2024\)](#); [Attivitajiet tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE](#).

⁸⁵ Dwar l-isfidi identifikati bħala li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tħejjija tal-leġislazzjoni b'impatti fuq id-drittijiet fundamentali, ir-rispondenti jirreferu għal nuqqas ta' aċċess għad-dokumenti pubbliċi jew għall-informazzjoni (9 %), nuqqas ta' interess mill-awtoritajiet fil-kooperazzjoni ma' dawn il-korpi (22 %), nuqqas ta' kanali ta' koordinazzjoni strutturati (30 %), għarfien limitat tar-rilevanza tal-Karta (35 %) u l-ammont ta' xogħol u l-prijoritajiet ġenerali (43 %); konsultazzjoni tal-korpi tad-drittijiet fundamentali, mistoqsija 20; [Il-kontribut tal-ENNHRI għall-konsultazzjoni](#), p. 3.

L-imħallfin u professjonisti oħra tal-ġustizzja għandhom rwol uniku f'li jiżguraw l-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali. Fl-istrategġija tal-Karta, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tiffinanzja l-opportunitajiet ta' taħriġ dwar il-Karta għall-imħallfin u għal professjonisti oħra tal-ġustizzja skont **il-programm Ġustizzja**⁸⁶. **Fl-Istrategġija ta' taħriġ ġudizzjarju 2021-2024**, il-Kummissjoni speċifikat li l-professjonisti tal-ġustizzja għandhom jirċievu taħriġ iddedikat dwar il-Karta, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha u d-drittijiet fundamentali speċifiċi, kif ukoll ir-relazzjoni tagħha mad-dritt nazzjonali u mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem⁸⁷.

Il-Karta qiegħda tiġi dejjem aktar ikkwotata mill-qrati nazzjonali⁸⁸. **L-għadd ta' talbiet għal deċiżjonijiet preliminari li jirreferu għall-Karta żdied** kull sena mill-2020 'il quddiem, u laħaq 128 talba fl-2024⁸⁹. Skont il-konsultazzjonijiet tal-professjonisti tal-ġustizzja mwettqa b'appoġġ għal dan ir-rieżami, **il-Karta titqies bħala waħda li żżid il-valur bħala standard legali addizzjonali** għad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali u l-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari, f'każijiet ta' migrazzjoni u ažił, u fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew, il-protezzjoni tad-data, il-protezzjoni tat-tfal u t-tassazzjoni. Il-professjonisti tal-ġustizzja li wiegħbu jirreferu wkoll għall-applikazzjoni tad-drittijiet proċedurali tal-Karta (l-Artikoli 47-50)⁹⁰. Madankollu, il-prattikanti jirrapportaw dwar ċerti diffikultajiet li jiltaqqu magħhom biex jiddeterminaw l-applikabbiltà tal-Karta⁹¹.

It-taħriġ ġudizzjarju dwar il-Karta għad irid jilħaq għadd akbar ta' professjonisti tal-ġustizzja⁹². L-aktar raġunijiet komuni għan-nuqqas ta' parteċipazzjoni f'taħriġ bħal dan huma n-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni⁹³ jew opportunitajiet ta' taħriġ insuffiċjenti fil-livell nazzjonali u tal-UE⁹⁴. **Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa t-taħriġ ġudizzjarju dwar il-Karta**, anki

⁸⁶ Il-finanzjament kien jikkonsisti f'għotjiet għal azzjoni (li jammontaw għal madwar EUR 4 miljun fis-sena), għotja operattiva lin-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN, European Judicial Training Network) ta' madwar EUR 11,2 miljun fis-sena u akkwisti (ta' inqas minn EUR 1 miljun fis-sena). Madwar 36 % tal-baġit tal-programm, jiġifieri madwar EUR 15 sa 16-il miljun fis-sena, huma attribwiti għat-taħriġ ġudizzjarju. Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll l-attivitatijiet tal-ERA, li żżid is-sensibilizzazzjoni fost il-membri tal-ġudikatura u l-avukati dwar l-applikazzjoni tal-Karta. Ir-rwol tal-Karta huwa eżaminat fil-korsijiet ta' taħriġ offruti mill-ERA, inkluż kull sena bejn l-2021 u l-2025. Aktar informazzjoni hija pprovduta fid-dokument [COM/2024/456](#), p. 10.

⁸⁷ [COM/2020/713](#), p. 2.

⁸⁸ FRA, 2024 [Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali](#), p. 122; [Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali](#) - 2023, p. 45; u [Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali](#) - 2022, p. 37.

⁸⁹ FRA, 2025 [Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali](#), p. 94.

⁹⁰ Konsultazzjoni tal-professjonisti tal-ġustizzja, il-mistoqsija 16.

⁹¹ Id-diffikultajiet imqajma mill-professjonisti legali li indikaw li japplikaw il-Karta rarament (23 %) jew qatt (20 %) huma relatati mad-determinazzjoni tal-applikabbiltà tal-Karta għal każ konkret (7,5 %), man-nuqqas ta' żmien biex tiġi vverifikata l-applikabbiltà (8,5 %) u man-nuqqas ta' valur miżjud meta mqabbla mal-KEDB (Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem) (3 %); konsultazzjoni tal-professjonisti tal-ġustizzja, mistoqsijiet 15 u 17. 73,4 % tar-rispondenti ma wegħbu dawn il-mistoqsijiet, li jaffettwaw il-konkluzività tar-riżultati.

⁹² 29 % tal-professjonisti tal-ġustizzja jirrapportaw li pparteċipaw f'taħriġ wiċċ imb' wiċċ dwar il-Karta u 21 % f'taħriġ online; konsultazzjoni tal-professjonisti tal-ġustizzja, mistoqsijiet 4 u 6.

⁹³ 54 %; konsultazzjoni tal-professjonisti tal-ġustizzja, il-mistoqsija 6 b.

⁹⁴ Rispettivament b'57 % fil-livell nazzjonali u b'34 % fil-livell tal-UE; konsultazzjoni tal-professjonisti tal-ġustizzja, il-mistoqsija 10. Mill-organizzazzjonijiet ta' taħriġ li wiegħbu, 61 % jikkunsidraw li l-opportunitajiet ta' taħriġ huma suffiċjenti fil-livell nazzjonali u 89 % fil-livell tal-UE.

permezz tal-programm tal-Ġustizzja propost skont il-QFP il-ġdid, ladarba jiġi adottat⁹⁵. Il-Kummissjoni **tistieden ukoll lill-Istati Membri biex jiżguraw li t-taħriġ ġudizzjarju inizjali u kontinwu dwar il-Karta jiġi pprovdut fil-lingwi nazzjonali tagħhom.**

Fl-istrateġija tal-Karta, il-Kummissjoni impenjat ruħha wkoll li tappoġġa l-iżvilupp ta' għodda ta' apprendiment elettroniku għall-imħallfin. F'Diċembru 2025, il-Kummissjoni se tippubblika l-**"kapsuli elettroniċi dwar id-dritt tal-UE"**, li huma korsijiet qosra ta' taħriġ online li jiġbru fil-qosor il-karatteristiċi ewlenin tad-dritt tal-UE fir-rigward ta' aktar minn 40 suġġett, inkluża l-Karta⁹⁶. Fil-bidu tal-2026, il-Kummissjoni se tippubblika wkoll **53 kors ta' apprendiment online bla ħlas dwar il-Karta** li jintroduċu kull artikolu sostantiv u d-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Karta f'sessjonijiet ta' 30 minuta. Manwal supplimentari bil-miktub se jiġbor fil-qosor il-ġurisprudenza rilevanti dwar kull artikolu. Il-korsijiet huma indirizzati lill-ħaddiema taċ-civil nazzjonali u tal-UE. It-taħriġ kollu ta' hawn fuq se jkun disponibbli għall-pubbliku fuq il-**"pjattaforma Ewropea għat-taħriġ"** tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

Biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-Karta, il-Kummissjoni stiednet lin-networks ta' mħallfin u lil professjonisti **tal-ġustizzja** oħrajn biex **jikkooperaw dwar it-taħriġ u l-kondiviżjoni ta' Prattiki tajbin dwar l-applikazzjoni tal-Karta**, filwaqt li jibnu fuq l-appoġġ u l-għodod offruti mill-Kummissjoni, min-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) u mill-FRA. Madankollu, is-sensibilizzazzjoni u l-użu ta' dawn il-materjali baqgħu baxxi⁹⁷. Dan jirrifletti hteġġa ulterjuri ta' gwida Prattika u informazzjoni dwar il-ġurisprudenza dwar il-Karta, bħal bażijiet tad-data u skedi informattivi, kif ukoll skambji tal-aħjar Prattiki dwar l-applikazzjoni tal-Karta u t-traduzzjoni ta' materjali ewlenin fil-lingwi nazzjonali⁹⁸. **Għalhekk, il-Kummissjoni se tkompli żżid is-sensibilizzazzjoni fost il-professionisti tal-ġustizzja dwar ir-riżorsi eżistenti ta' taħriġ online** dwar il-Karta f'kooperazzjoni mal-FRA u tistieden lill-istituzzjonijiet ta' taħriġ ġudizzjarju jużaw dawn ir-riżorsi fil-forniment ta' taħriġ tagħhom. Hija **tistieden ukoll lill-Istati Membri jaqsmu informazzjoni dwar l-opportunitajiet eżistenti ta' taħriġ dwar il-Karta u l-għodod online mal-ġudikatura**, filwaqt li jiżguraw ir-rispett dovut għall-indipendenza ġudizzjarja. Il-Kummissjoni se żżid ukoll l-aċċessibbiltà tal-korsijiet online ġodda tagħha dwar il-Karta u se tkompli tipprovdi informazzjoni dwar il-Karta u l-applikazzjoni tagħha fuq is-sit web tagħha.

Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li **d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja** għandha l-potenzjal li ttejjeb il-kapaċità tal-qrati li jittrattaw b'mod effettiv kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali⁹⁹ u għalhekk qiegħda tappoġġa l-isforzi ta' diġitalizzazzjoni tal-Istati Membri. Fl-istess ħin, id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja trid titwettaq b'mod li jiżgura r-rispett għad-drittijiet

⁹⁵ [COM\(2025\) 463 final](#); [COM\(2025\)801](#).

⁹⁶ Ara wkoll ["Training videos for the judiciary and lawyers on the mission, jurisdiction and procedures of the Court of Justice of the European Union"](#).

⁹⁷ Il-professionisti tal-ġustizzja jirrapportaw li użaw it-tutorial tal-Karta fuq il-portal tal-Ġustizzja elettronika (16 % tar-rispondenti), iċ-Charterpedia (7,5 %), il-manwali tal-Karta tal-FRA (13,8 %) u l-Manwali tal-FRA u tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Karta u l-KEDB (19,15 %). 59 % tar-rispondenti ma użaw l-ebda waħda mill-għodod ta' taħriġ disponibbli; konsultazzjoni tal-professionisti tal-ġustizzja, il-mistoqsija 7.

⁹⁸ Konsultazzjoni tal-professionisti tal-ġustizzja, il-mistoqsija 11.

⁹⁹ [COM\(2025\) 801 final](#); [COM\(2025\)802 final](#), p. 2.

fundamentali, ukoll billi jiġi żgurati li jkunu disponibbli proċessi wiċċ imb wiċċ għall-partijiet li jkollhom bżonnhom biex jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet fundamentali tagħhom¹⁰⁰.

4. Trawwim tal-użu tal-Karta bħala boxxla għall-istituzzjonijiet tal-UE

Fl-istrateġija tal-Karta, il-Kummissjoni tenfasizza li l-konformità mal-Karta hija ċentrali għas-sostenibbiltà tal-leġislazzjoni tal-UE. Hija impenjat ruħha li **tivvaluta l-konformità mal-Karta ta' inizjattivi ewlenin** li jista' jkollhom impatt kbir fuq id-drittijiet fundamentali mill-istadju preparatorju u matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet¹⁰¹.

Biex tgħin aħjar lill-persunal tal-UE meta jivvaluta l-impatti fuq id-drittijiet fundamentali, il-Kummissjoni aġġornat **il-gwida għall-persunal tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Karta fil-valutazzjonijiet tal-impatt**¹⁰² u se xxerridha bħala sors ta' informazzjoni għal dawk li jfasslu l-politika fil-livell nazzjonali u lokali, kif impenjat ruħha fl-istrateġija. Minbarra s-sessjonijiet regolari ta' taħriġ għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-Kummissjoni żviluppat **kors ta' taħriġ iddedikat dwar "il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fil-valutazzjonijiet tal-impatt"** biex tħarreġ lill-persunal tal-UE dwar il-Karta u tiggwidahom fil-valutazzjoni tal-impatti tal-proposti leġislattivi fuq id-drittijiet fundamentali f'konformità mar-regoli ta' Regolamentazzjoni Aħjar¹⁰³. Il-FRA offriet ukoll pariri lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri dwar il-valutazzjoni tal-impatti tal-abbozz ta' leġislazzjoni u tal-politiki fuq id-drittijiet fundamentali. **Il-korsijiet online** tal-Kummissjoni **dwar il-Karta** fihom pariri għall-persunal tal-UE dwar kif tiġi żgurata l-konformità mad-drittijiet fundamentali meta jiġu fformulati l-inizjattivi leġislattivi.

Il-Kummissjoni tiddependi fuq **il-kontribut mill-partijiet ikkonċernati** meta tħejji l-inizjattivi tagħha, anki bil-fini li **tintegra l-Karta fil-politiki u l-proposti tagħha**¹⁰⁴. Is-soċjetà ċivili hija involuta wkoll permezz ta' firxa ta' forom deċentralizzati ta' djalogu u konsultazzjonijiet strutturati u tipparteċipa f'bosta gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni. L-istrateġija l-ġdida tal-UE għas-Soċjetà Ċivili tistabbilixxi qafas komuni biex jiggwida u jsaħħaħ l-involviment tal-Kummissjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

It-Task Force dwar l-Ugwaljanza tal-Kummissjoni¹⁰⁵ taħdem biex tiżgura l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet tal-ugwaljanza fl-inizjattivi kollha. It-Task Force żviluppat proċessi biex tiggwida lill-persunal tal-Kummissjoni fl-iżgurar li l-politiki, il-leġislazzjoni u l-programmi ta' finanzjament tal-UE jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u

¹⁰⁰ [COM\(2023\) 786 final](#), Protezzjoni legali effettiva u aċċess għall-ġustizzja, p. 5.

¹⁰¹ Dawn l-impenji jsegwu sforzi kontinwi biex il-persunal tal-UE jiġi infurmat dwar ir-rekwiżiti tad-drittijiet fundamentali, ara [COM/2010/057](#).

¹⁰² C(2025) 8354. Il-gwida tissupplimenta [l-Istrument Nru 29 tas-Sett ta' Għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar](#) dwar "Id-drittijiet fundamentali, inkluża l-promozzjoni tal-ugwaljanza". Skont l-Istrument Nru 29, l-atti u l-inizjattivi kollha tal-Kummissjoni jridu jikkonformaw mal-Karta.

¹⁰³ Il-kors isir online erba' darbiet fis-sena. FI-2023 u l-2024, madwar 170 membru tal-persunal tal-UE ġew imħarrġa fi tmien korsijiet ta' taħriġ. L-erba' korsijiet ta' taħriġ tal-2025 għadhom għaddejjin.

¹⁰⁴ Inkluż permezz tal-portal [Semma lehnec - Konsultazzjonijiet Pubbliċi u Feedback](#) u tal-konsultazzjonijiet immirati. Il-portal ġie aġġornat f'punt ta' dħul uniku għall-konsultazzjonijiet pubbliċi, għall-Inizjattiva ta' Ċittadini Ewropej u għal pjattaforma interattiva ta' dibattitu.

¹⁰⁵ Din tikkonsisti minn rappreżentanti mis-servizzi tal-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, appoġġata minn segretarjat.

jiġġieldu d-diskriminazzjoni. Din ipprovdiet ukoll taħriġ dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza¹⁰⁶. Barra minn hekk, **I-Istrateġiji tal-Unjoni għall-ugwaljanza** jgħinu biex l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni jiġu tradotti f'azzjonijiet ta' politika¹⁰⁷.

Barra minn hekk, **il-konvenzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-UE hija parti minnhom**¹⁰⁸ jiggwidaw l-użu tal-Karta mill-istituzzjonijiet tal-UE, peress li l-UE hija obbligata tikkonforma mal-istandards tagħhom fit-tfassil tal-liġijiet tagħha. L-adeżjoni mal-UE għalhekk issaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Karta fl-oqsma ta' politika koperti minn dawn il-konvenzjonijiet¹⁰⁹. Il-proċess ta' adeżjoni tal-UE għall-**Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** kompli wkoll¹¹⁰ bil-ħsieb li jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali fl-UE jkunu soġġetti għal skrutinju estern addizzjonali.

Biex tiġi żviluppata l-integrazzjoni tal-Karta tul il-proċess leġislativ tal-UE, il-Kummissjoni **stiednet ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jużaw l-għodod għad-dispożizzjoni tagħhom**¹¹¹ **biex jiżguraw li l-Karta tiġi applikata b'mod effettiv**. Il-Presidenzi tal-Kunsill organizzaw taħriġ dwar l-applikazzjoni tal-Karta għall-persunal tal-Kunsill u għad-delegazzjonijiet tal-Istati Membri. Fl-2024, it-taħriġ iffoka fuq ir-rwol ta' kull istituzzjoni fil-valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali meta twettaq valutazzjonijiet tal-impatt. Biex tkompli ssaħħaħ din il-ħidma, **il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jorganizzaw skambji tal-aħjar Prattika** biex jiżguraw li l-Karta tiġi rispettata matul iċ-ċiklu leġislativ kollu. Hija **tistieden lill-Kunsill biex ikompli jqajjem**

¹⁰⁶ Sa Novembru 2024, it-Task Force kienet organizzata 23 sessjoni ta' taħriġ għall-persunal tal-Kummissjoni u kkontribwiet għal aktar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

¹⁰⁷ [Ugwaljanza u inklużjoni: azzjonijiet ewlenin - Il-Kummissjoni Ewropea](#). F'Ottubru 2025, il-Kummissjoni adottat l-[istrateġija dwar l-ugwaljanza għall-LGBTIQ 2026-2030](#). L-istrateġija tibni fuq dik preċedenti biex tistabbilixxi objettivi komuni, tipprowdi gwida, u ssaħħaħ il-koordinazzjoni. Il-[Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa](#), adottat f'Marzu 2025, jinkludi impenji dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Artikolu 23 tal-Karta. L-Istrateġija tal-2026-2030 dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri se tibni fuq dan il-Pjan Direzzjonali, filwaqt li tippreżenta miżuri biex tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-[Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025](#) se jiġi segwit mill-[istrateġija l-ġdida tal-UE kontra r-razziżmu 2026-2030](#). Il-pjan ta' azzjoni jikkonferma li l-miżuri għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu, il-ksenofobija u tipi oħra ta' intolleranza jiddependu fuq qafas legali stabbilit tal-UE, inklużi l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni kif previst fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta. L-istess huwa enfasizzat fil-[qafas strateġiku tal-UE dwar ir-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni għall-2020-2030](#) fir-rigward tal-azzjoni għall-ġlieda kontra l-antiżingariżmu u d-diskriminazzjoni kontra r-Rom. Ir-rapport ta' nofs it-terminu dwar l-implimentazzjoni tiegħu, ippubblikat fl-2024, jenfasizza l-konformità mal-Karta bħala prinċipju orizzontali. Ara wkoll l-[EU Strategy on combating antisemitism and fostering Jewish life \(2021 - 2030\)](#).

¹⁰⁸ Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika ([Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni ta' Istanbul | EUR-Lex](#)). Il-Konvenzjoni ta' Istanbul saret it-tieni konvenzjoni internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-UE ssieħbet fiha, wara l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà ([id-Deċiżjoni - 2010/48 - EN - EUR-LEX](#)) (UNCPRD, United Nations Convention on the Rights of Persons with Disabilities).

¹⁰⁹ B'mod partikolari l-Artikolu 21 dwar in-nondiskriminazzjoni, l-Artikolu 23 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-Artikolu 26 dwar l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà. L-[Istrateġija dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà](#) fiha azzjonijiet biex tiġi implimentata l-UNCPRD fl-UE f'konformità mad-drittijiet fundamentali tal-persuni b'diżabbiltà.

¹¹⁰ Talba għal opinjoni skont l-Artikolu 218(11) TFUE tal-21 ta' Novembru 2025.

¹¹¹ Bħal-linji gwida tal-Kunsill dwar il-kontrolli tal-konformità mad-drittijiet fundamentali, id-Dok. 5377/15 tal-20 ta' Jannar 2015, jew l-Artikolu 40 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, u l-Ftehim interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 12-15).

sensibilizzazzjoni fil-gruppi ta' ħidma tiegħu, **f'dak kollu li jirrigwarda l-gwida tiegħu dwar il-konformità mad-drittijiet fundamentali.**

F'konformità mal-istrateġija tal-Karta, il-Kummissjoni kompliet tiżgura li **l-azzjonijiet interni u esterni tal-UE għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali jkunu koerenti** u jsaħħu lil xulxin. Fl-2020, hija adottat il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija għall-perjodu 2020-2024¹¹². Il-pjan ta' azzjoni jiggwida l-ħidma bilaterali u multilaterali tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u huwa allinjat mal-Karta¹¹³.

Fil-livell multilaterali, l-UE tinteraġixxi mal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, mat-Tielet Kumitat u mal-Assemblea Ġenerali, u tappoġġa l-mandat u l-indipendenza tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem. Mill-2020, l-UE organizzat aktar minn 60 djalogu u konsultazzjoni ma' partijiet terzi dwar id-drittijiet tal-bniedem¹¹⁴.

F'konformità mal-impenn tagħha li tikkunsidra **l-Karta fit-tħejjija u fin-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali u ta' investment**, l-UE kompliet timmonitorja l-konformità ta' pajjiżi mhux tal-UE mal-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem¹¹⁵. L-UE timplimenta l-politika kummerċjali tagħha, inklużi l-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli tal-ftehimiet kummerċjali tagħha, ggwidati mill-Komunikazzjoni tal-2022 dwar "*Is-saħħa tas-sħubiji tal-kummerċ: flimkien għal tkabbir ekonomiku ekoloġiku u ġust*"¹¹⁶ u l-Komunikazzjoni tal-2022 dwar "xogħol deċenti madwar id-dinja"¹¹⁷. Il-Kummissjoni kompliet bl-istess mod teżamina l-ilmenti tal-partijiet ikkonċernati fir-rigward tan-nuqqas ta' konformità ma' dawn l-impenni min-naħa tal-partijiet għall-ftehimiet kummerċjali¹¹⁸.

Il-Kummissjoni kompliet ukoll tappoġġa **lill-pajjiżi tat-tkabbir fl-allinjament tagħhom mal-istandards tad-drittijiet fundamentali**. Il-pajjiżi kandidati jeħtieġ li gradwalment jallinjaw mad-dispożizzjonijiet tal-Karta, bil-ħsieb li jiksbu allinjament sħiħ sad-data tal-

¹¹² L-UE tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-[pjan ta' azzjoni](#) fir-Rapporti Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja. Ara, pereżempju, [2024 Annual Report on Human Rights and Democracy in the World](#). Ir-rapport juża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tiegħu biex jimplimenta l-pjan, inklużi l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, id-demarches, il-komunikazzjonijiet strateġiċi u d-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem.

¹¹³ Fl-2023, rieżami ta' nofs it-terminu kkonkluda li l-pjan ta' azzjoni kien effettiv biex jiggwida l-azzjonijiet esterni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija. B'riżultat ta' dan, fl-2024, il-pjan ta' azzjoni ġie estiż sa Diċembru 2027. [L-UE testendi l-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija sal-2027](#).

¹¹⁴ Il-Kummissjoni kienet appoġġata mill-FRA, li pprovdiet eżempji ta' kif l-UE tissalvagwardja l-Karta.

¹¹⁵ [Skema Ġeneralizzata ta' Preferenzi](#). Il-ħidma titwettaq skont l-Arranġament Speċjali ta' Inċentivi għal Żvilupp Sostenibbli u Governanza Tajba (SGP+) u permezz ta' involviment imtejjeb skont l-arranġament "Kollox Minbarra Armi". Barra minn hekk, ir-rispett, il-promozzjoni u l-implimentazzjoni fil-prattika tal-prinċipji tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar id-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol huma parti mill-impenni meħuda mill-partijiet għall-ftehimiet kummerċjali. Dawn huma relatati mal-iżgurar tal-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għal negozjar kollettiv, l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' xogħol furzat jew obbligatorju, l-abolizzjoni tat-tħaddim tat-tfal, l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fl-impjiegi u fix-xogħol, u ambjent tax-xogħol sikur u san.

¹¹⁶ [COM/2022/409](#).

¹¹⁷ [COM/2022/66](#).

¹¹⁸ [Punt ta' Dħul Uniku | Access2Markets](#).

adeżjoni. Il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ fil-forma ta' assistenza finanzjarja u teknika f'dan ir-rigward u timmonitorja l-progress permezz tal-pakkett annwali tat-tkabbir¹¹⁹.

Il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi bi ftehim ta' assoċjazzjoni jistgħu jitolbu **status ta' osservatur fil-FRA** biex jgħinjom jallinjaw il-leġiżlazzjoni u l-politiki tagħhom mal-*acquis* dwar id-drittijiet fundamentali. L-Albanija, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja bħalissa għandhom status ta' osservatur u pajjiżi kandidati oħra esprimew l-interess tagħhom li jiksbu dan l-istatus¹²⁰.

5. Tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni tan-nies dwar id-drittijiet tagħhom skont il-Karta

L-aħħar fergħa tal-istrateġija tal-Karta tiffoka fuq is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-Karta. **Stħarriġ tal-Ewrobarometru dwar l-għarfien marbut mal-Karta**, imwettaq fir-rebbiegħa tal-2025¹²¹, jindika li 49 % tan-nies kienu semgħu dwar il-Karta¹²², li juri progress modest mill-2019. Madankollu, 12 % biss tar-rispondenti ħassew li kienu infurmati tajjeb dwar id-drittijiet tagħhom skont il-Karta, u dan jindika hteġa ulterjuri ta' sensibilizzazzjoni. Ir-rispondenti huma interessati li jisimgħu aktar dwar fejn wieħed għandu jirrikorri f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet tagħhom (64 %) ¹²³, il-kontenut tal-Karta (62 %) u meta din tapplika (62 %) ¹²⁴.

Il-protezzjoni legali effettiva hija essenzjali, peress li tippermetti lill-individwi jasserixxu d-drittijiet fundamentali tagħhom. L-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2025 juri li jekk id-drittijiet tal-Karta tagħhom jinkisru, 23 % tan-nies jilmentaw mal-pulizija, segwit minn 21 % li jirrikorru għal istituzzjoni tal-UE u 18 % li jirrikorru għal qorti nazzjonali. Minnhom, 5 % biss jikkuntattjaw lil organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili. Dawn ir-riżultati jvarjaw biss ftit mill-istħarriġ tal-2019.

Sa mill-istrateġija tal-2010, il-Kummissjoni nnotat kemm kien diffiċli għan-nies li jkunu jafu r-rimedji legali xierqa f'każijiet meta l-Karta tiġi miksur. Bħala medja l-Kummissjoni tirċievi 1 500 ittra miċ-ċittadini kull sena dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali, li l-aktar huma relatati ma' sitwazzjonijiet li għalihom ma għandha l-ebda kompetenza minħabba li dawk is-sitwazzjonijiet ma għandhom l-ebda konnessjoni mad-dritt tal-UE. Peress li l-Istati Membri għandhom responsabbiltà primarja li jipprovdu rimedji f'każijiet individwali, fl-istrateġija tal-Karta, il-Kummissjoni stednithom jiżviluppaw inizzjattivi biex jipromwovu s-

¹¹⁹ Il-Kummissjoni tistenna li s-sħab tal-politika tat-Tkabbir jistabbilixxu istituzzjonijiet u oqfsa ta' politika li jirriflettu dawk meħteġa għall-Istati Membri. Hija tivvaluta s-sitwazzjoni attwali u l-progress li sar f'dan ir-rigward.

¹²⁰ Il-parteciċipazzjoni bħala osservatur fl-FRA hija ta' benefiċċju, pereżempju, għat-titjib tal-ġbir tad-data, tat-taħriġ u tal-bini tal-kapaċitajiet.

¹²¹ Ewrobarometru Speċjali 563; l-istħarriġ huwa bbażat fuq intervisti ma' 26 319-il persuna madwar l-UE.

¹²² L-għarfien dwar il-Karta żdied f' 24 minn 27 Stat Membru meta mqabbel mal-istħarriġ tal-2019 (Ewrobarometru Speċjali 487b). Malta (+24 punt perċentwali), Ċipru (+17 p.) u l-Ungerija (+15 p.) raw l-akbar żieda fl-għarfien. Madankollu, in-numri naqsu fl-Awstrija (-4 pp.) u fir-Rumanija (-3 pp.), filwaqt li baqgħu l-istess fil-Greċja. Dan jikkostitwixxi żieda ta' 6 pp. meta mqabbel mal-2019 u żieda ta' 10 pp. meta mqabbel mal-aktar data bikrija disponibbli mill-2012.

¹²³ Żieda ta' 3pp. meta mqabbla mal-istħarriġ tal-2019.

¹²⁴ Żieda ta' 1 pp. meta mqabbla mal-istħarriġ tal-2019. Fost ir-rispondenti, 11 % biss setgħu jiddefinixxu meta tapplika l-Karta, jiġifieri meta l-istituzzjonijiet tal-UE jaġixxu u meta l-Istati Membri jimplementaw id-dritt tal-UE. Madankollu, dan jippreżenta titjib meta mqabbel mas-7 % fl-istħarriġ tal-2019. Ewrobarometru Speċjali 563, p. 18, 35; Stħarriġ tal-Ewrobarometru Speċjali 487b, p. 15.

sensibilizzazzjoni tan-nies dwar id-drittijiet tal-Karta tagħhom u ta' fejn għandhom jirrikorru meta d-drittijiet tagħhom jiġu miksur, b'mod partikolari, billi jagħtu s-setgħa lir-rappreżentanti lokali. Madankollu, inizjattivi bħal dawn għadhom fil-biċċa l-kbira mhux magħrufa mal-pubbliku¹²⁵. Għalhekk hemm il-potenzjal **li l-pubbliku jingħata aktar informazzjoni dwar kif jista' jsib rimedji effettivi**. Għalhekk il-Kummissjoni **tistieden lill-Istati Membri jaħdmu ma' istituzzjonijiet indipendenti tad-drittijiet fundamentali u mas-soċjetà ċivili biex jaqsmu informazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali** u r-rimedji disponibbli f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fil-livelli kollha.

Fl-istrateġija tal-Karta, il-Kummissjoni enfasizzat ukoll **ir-rwol vitali tal-awtoritajiet lokali fis-sensibilizzazzjoni dwar il-Karta**. L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma f'pożizzjoni tajba biex jorganizzaw inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni, inklużi kampanji ta' informazzjoni, attivitajiet ta' involviment tal-komunità, taħriġ għall-uffiċjali lokali u sensibilizzazzjoni edukattiva bħaċ-“Charter Days”. Anki jekk dan il-potenzjal bħalissa ma jintużax biżżejjed¹²⁶, dawn l-isforzi jibqgħu rilevanti biex il-Karta titqarreb lejn in-nies.

Il-Kummissjoni ħadet nota wkoll tal-importanza li jiġu spjegati d-drittijiet fundamentali lin-nies permezz ta' stejjer tal-ħajja reali. Mill-2021 sal-2022, hija wettqet kampanja ta' sensibilizzazzjoni biex tinforma lin-nies dwar id-drittijiet tagħhom tal-Karta¹²⁷. Fl-2025, biex tfakkar **il-25 anniversarju tal-proklamazzjoni tal-Karta**, il-Kummissjoni qiegħda tmexxi kampanja fuq il-media soċjali biex iżżid is-sensibilizzazzjoni dwar l-artikoli individwali tal-Karta u dwar xi jfissru d-drittijiet fundamentali għan-nies¹²⁸.

Il-programm Erasmus + appoġġa wkoll proġetti dwar id-drittijiet fundamentali u **l-komunikazzjoni tad-drittijiet tal-Karta liż-żgħażaġh**¹²⁹. Addizzjonalment il-valuri fundamentali u l-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem huma parti ewlenija mill-aġenda għall-edukazzjoni taċ-ċittadinanza globali fil-programm ta' Edukazzjoni u Sensibilizzazzjoni għall-Iżvilupp DEAR (Development, education and awareness-raising)¹³⁰.

Fl-istrateġija tal-Karta, il-Kummissjoni impenjat ruħha wkoll li **żżid is-sensibilizzazzjoni tat-tfal dwar id-drittijiet tagħhom** skont l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal¹³¹. L-istrateġija, adottata fl-2021, ġiet żviluppata ma' u għat-tfal biex il-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-

¹²⁵ 92 % tal-punti fokali li wiegħbu jsemmu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u tal-aħjar prattika dwar il-Karta, iżda ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku. Mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li wiegħbu, 20 % biss jirrapportaw li jippromwov u l-Karta billi jipprovdu informazzjoni dwar ir-rimedji disponibbli; konsultazzjoni tas-soċjetà ċivili, il-mistoqsija 20.

¹²⁶ Konsultazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-mistoqsijiet 12 u 13, fejn 4 % tar-rispondenti rrapportaw li wettqu attivitajiet ta' komunikazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali mal-komunità lokali tagħhom. u 6 % mal-politikanti lokali.

¹²⁷ [#RightHereRightNow](#). Il-kampanja kopriet ħames drittijiet fundamentali b'udjenzi fokali mill-gruppi ta' età 15-24 u 25-39 f'CY, MT, NL, u SE. L-individwi esposti għall-kampanja kienu 30 % aktar probabbli li jkunu jafu dwar il-Karta, u 14,85 % aktar probabbli li jkunu konxji dwar ir-rwol tal-UE fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

¹²⁸ Id-Drittijiet tal-UE | LinkedIn; [EU Justice and Consumers](#) | Facebook.

¹²⁹ [COM/2024/456 final](#), pp. 13-15.

¹³⁰ [Proġetti – Il-Programm tal-UE DEAR](#).

¹³¹ [Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, COM/2021/142](#).

UE jinġiebu eqreb lejn it-tfal¹³². It-tfal ikkontribwew ukoll għall-abbozzar ta' linji gwida dwar kif id-dokumenti jsiru aktar sempliċi u aktar aċċessibbli¹³³. Minn meta ġiet stabbilita l-**Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal fl-2022**¹³⁴, it-tfal ġew ikkonsultati dwar inizjattivi ta' politika magħżula u involuti fit-"traduzzjoni" ta' dawn l-inizjattivi f'formati adattati għat-tfal.

Biex tkompli ssaħħaħ l-għoti ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar il-Karta, il-**Kummissjoni se tkompli tiffinanzja dawn l-isforzi fil-livelli nazzjonali, lokali u reġjonali** permezz tal-programm CERV u s-suċċessur tiegħu, il-fergħa CERV+ tal-programm propost AgoraEU, ladarba tiġi adottata; u billi twettaq is-sensibilizzazzjoni tagħha stess, inklużi l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u konferenza biex timmarka l-25 anniversarju tal-Karta.

6. Konklużjoni

Kwart ta' seklu wara l-proklamazzjoni tagħha, il-**Karta tiggwida b'mod sod il-politiki u l-leġislatzjoni tal-UE u l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom fl-Istati Membri**. Dan ir-rieżami ta' nofs it-terminu juri li l-biċċa l-kbira tal-impenji ta' politika fl-istrateġija tal-Karta ġew issodisfati. Il-Kummissjoni saħħet il-kooperazzjoni mal-Istati Membri, appoġġat lis-soċjetà ċivili u lill-korpi indipendenti tad-drittijiet fundamentali, ippromwoviet it-taħriġ ġudizzjarju u saħħet l-użu tal-Karta fil-proċessi leġislattivi. Barra minn hekk, il-konsultazzjonijiet imwettqa għal dan ir-rieżami jikkonfermaw li l-partijiet ikkonċernati fl-UE kollha qegħdin jieħdu azzjoni sinifikanti f'konformità mal-istrateġija.

Fl-istess ħin, għad hemm l-isfidi fl-iżgurar tal-applikazzjoni effettiva tal-Karta. Jeħtieġ li jittejjeb l-għarfien dwar il-Karta fost l-awtoritajiet pubbliċi, il-professjonisti u l-pubbliku inġenerali. Il-bini tal-kapaċitajiet sostnut, l-aċċess imtejjeb għall-informazzjoni, u l-monitoraġġ u l-infurzar jibqgħu essenzjali biex jiġi żgurat li l-Karta tiġi implimentata b'mod konsistenti u applikata fil-livelli kollha. B'mod partikolari, l-isforzi għandhom jiffukaw fuq iż-żieda fl-għoti ta' informazzjoni u t-taħriġ sabiex ħafna aktar impjegati taċ-ċivil, partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili u professjonisti tal-ġustizzja jkunu jistgħu jibbenefikaw minn tali miżuri u jgħinu biex tiżied l-applikazzjoni ġenerali tal-Karta. Dan ir-rieżami ta' nofs it-terminu jistabbilixxi aktar miżuri f'dawn l-oqsma.

Matul it-tieni nofs tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Karta, il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa r-rapporti annwali tagħha tal-Karta u tieħu miżuri msaħħa biex tappoġġa l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Karta fl-Istati Membri. Se torganizza l-ħidma tal-punti fokali tal-Karta f'network tal-Kummissjoni biex tappoġġahom fl-iżgurar ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Karta u se tniedi wkoll programm ta' taġlim reċiproku biex tgħin lill-partijiet ikkonċernati nazzjonali jiskambjaw l-aħjar prattika dwar il-Karta fil-livelli kollha. Bl-istess mod huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi żgurat li s-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-korpi indipendenti tad-drittijiet fundamentali jkomplu jingħataw is-setgħa li jappoġġaw l-applikazzjoni tal-Karta. Il-

¹³² Ara [Il-pjan tal-Unjoni Ewropea għad-drittijiet tat-tfal](#), verżjoni faċli biex tinqara tal-istrateġija għat-tfal.

¹³³ [Il-ħolqien ta' verżjonijiet ta' dokumenti bil-miktub adattati għat-tfal, gwida](#).

¹³⁴ [Il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal | L-Unjoni Ewropea](#). Is-sit web tal-Pjattaforma jipprovdi informazzjoni għat-tfal u dwar id-drittijiet tagħhom b'mod iċċentrat fuq it-tfal u li hu adattat għat-tfal. Il-Pjattaforma tippromwovi u tqiegħed fil-prattika d-dritt tat-tfal li jinstemgħu.

Kummissjoni se timplimenta l-azzjonijiet skont l-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili u tesplora l-ħtieġa għal gwida addizzjonali fir-rigward tar-rwol tal-NHRIs skont id-dritt tal-UE.

Hija meħtieġa azzjoni determinata biex ikompli jissaħħaħ ir-rispett għad-drittijiet tal-Karta u l-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet fl-oqsma kollha ta' politika tal-UE. Għalhekk, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati l-oħra huma mħeġġa jqassmu dan ir-rapport fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali. Hija meħtieġa kooperazzjoni kontinwa fost l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati l-oħra biex ikompli jiġi żgurat li l-Karta tiġi implimentata u applikata mill-2026 sal-2030 u wara.